**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Settembru, 2016**

Kawza Numru: 308/2016JB

Numru: 11

**Inspectra Limited (C35757)**

***vs***

**Karim Sultana (K.I.: 461097M)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-8 ta' Awissu 2016 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u wiehed u tletin euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€631.25) liema somma tirraprezenta pagament indebitu ossia paga imhallsa bi zball wara t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Konvenut minn mas-Socjeta Attric;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum fejn gie miftiehem li jkun hemm dilazzjoni ta' pagamenti fil-waqt li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

Sema' l-ammissjoni tal-Konvenut;

Ikkunsidra;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi quddiem l-ammissjoni tal-Konvenut, huwa car li t-talba Attrici tisthoqq li tigi milqugha hekk kif dedotta, naturalment soggett ghal dak verbalizzat fis-seduta tal-lum;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fuq l-ammissjoni tal-Konvenut, jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta' €631.25 bl-imghax legali skond il-ligi b'effett mis-16 ta' Settembru 2016 – data tan-notifika tal-kawza (a fol 7) b'dan li – konformement ma' dak verbalizzat, din is-sentenza mghandhiex tigi esegwita kemm-il darba l-Konvenut jaghmel pagamenti mensili ta' mhux anqas minn hamsin euro (€50) bl-ewwel wiehed ikun nhar il-31 ta' Ottubru 2016 f'liema eventwalita wkoll l-imghax mghandux jiddekorri. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, kull parti tbati l-ispejjez taghha.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*